Il-Qorti tal-Ġustizzja tal-Unjoni Ewropea
**STQARRIJA GĦALL-ISTAMPA Nru 58/22**
il-Lussemburgu, 5 ta' April 2022

Stampa u Informazzjoni

Sentenza fil-Kawża C-140/20
Commissioner of the Garda Síochána *et*

# Il-Qorti tal-Ġustizzja tikkonferma li d-dritt tal-Unjoni jipprekludi żamma ġġeneralizzata u indifferenzjata ta' data dwar it-traffiku u l-lokalizzazzjoni relatata mal-komunikazzjonijiet elettroniċi għall-finijiet tal-ġlieda kontra r-reati serji

*Qorti nazzjonali ma tistax tillimita ratione temporis l-effetti ta' dikjarazzjoni ta' invalidità ta' leġiżlazzjoni nazzjonali li tipprevedi tali żamma*

F'Marzu 2015, G.D. ġie kkundannat għal piena ta' priġunerija għal għomru minħabba l-qtil ta' mara fl-Irlanda. Fl-appell mill-kundanna tagħha quddiem il-Qorti tal-Appell tal-Irlanda, il-persuna kkonċernata kkritikat lill-qorti tal-ewwel istanza talli, b'mod żbaljat, laqgħet bħala provi data dwar it-traffiku u data dwar il-lokalizzazzjoni marbuta ma' sejħiet telefoniċi. Sabiex ikun jista' jikkontesta, fil-kuntest tal-proċedura kriminali, l-ammissibbiltà tal-imsemmija provi, G.D. beda b'mod parallel, quddiem il-Qorti Għolja tal-Irlanda, proċedura ċivili intiża sabiex tikkonstata l-invalidità ta' ċerti dispożizzjonijiet tal-Liġi Irlandiża tal-2011 dwar iż-żamma ta' din id-data u l-aċċess għaliha, minħabba li din il-liġi tikser id-drittijiet mogħtija lilu mid-dritt tal-Unjoni. Permezz ta' deċiżjoni tas-6 ta' Diċembru 2018, il-Qorti Għolja laqgħet l-argument ta' G.D. L-Irlanda appellat minn din id-deċiżjoni quddiem il-Qorti Suprema tal-Irlanda, li hija l-qorti tar-rinviju f'din il-kawża.

Permezz tar-rinviju tagħha, il-Qorti Suprema talbet li jiġu ċċarati r-rekwiżiti tad-dritt tal-Unjoni fil-qasam taż-żamma tal-imsemmija data għall-finijiet tal-ġlieda kontra r-reati serji kif ukoll dwar il-garanziji neċessarji fil-qasam tal-aċċess għal din l-istess data. Hija tistaqsi, barra minn hekk, dwar il-portata u l-effett *ratione temporis* ta' eventwali dikjarazzjoni ta' inkompatibbiltà li hija għandha tiddeċiedi, peress li l-Liġi Irlandiża tal-2011 ġiet adottata sabiex tiġi trasposta d-Direttiva 2006/24/KE [1], iddikjarata invalida mill-Qorti tal-Ġustizzja fis-sentenza tat-8 ta' April 2014, *Digital Rights Ireland et* [2].

Fis-sentenza tagħha, il-Qorti tal-Ġustizzja, bl-Awla Manja bħala l-kulleġġ ġudikanti, ikkonfermat, fl-ewwel lok, il-ġurisprudenza stabbilita tagħha [3] li tistabbilixxi li d-dritt tal-Unjoni [4] **jipprekludi miżuri leġiżlattivi nazzjonali li jipprevedu, bħala prevenzjoni, żamma ġġeneralizzata u indifferenzjata tad-data dwar it-traffiku u tad-data dwar il-lokalizzazzjoni relatati mal-komunikazzjonijiet elettroniċi, għall-finijiet tal-ġlieda kontra reati serji**.

[1] Direttiva 2006/24/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-15 ta' Marzu 2006 dwar iż-żamma ta' data ġenerata jew proċessata b'konnessjoni mal-provvista ta' servizzi pubblikament disponibbli ta' komunikazzjoni elettronika jew ta' networks ta' komunikazzjoni pubblika u li temenda d-Direttiva 2002/58/KE (ĠU 2006, L 105, p. 54).
[2] Sentenza tat-8 ta' April 2014, Digital Rights Ireland, C-293/12, (ara Stqarrija għall-Istampa Nru 54/14).
[3] Sentenza tat-8 ta' April 2014, Digital Rights Ireland, C-293/12, Sentenza tal-21 ta' Diċembru 2016, Tele2 Sverige u Watson *et*, C-203/15 u C-698/15 (ara Stqarrija għall-Istampa Nru 145/16); sentenzi tas-6 ta' Ottubru 2020, Privacy International, C-623/17, u La Quadrature du Net *et*, C-511/18, C-512/18 u C-520/18 (ara Stqarrija għall-Istamparu 123/20); u s-sentenza tat-2 ta' Marzu 2021, Prokuratuur (Kundizzjonijiet ta' aċċess għad-data dwar il-komunikazzjonijiet elettroniċi), C-746/18 (ara Stqarrija għall-Istamparu 29/21).
[4] Direttiva 2002/58/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-12 ta' Lulju 2002 dwar l-ipproċessar tad-data personali u l-protezzjoni tal-privatezza fis-settur tal-komunikazzjoni elettronika (Direttiva dwar il-privatezza u l-komunikazzjoni elettronika) (ĠU Edizzjoni Speċjali bil-Malti: Kapitolu 13, Vol. 29, p. 514), kif emendata bid-Direttiva 2009/136/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-25 ta' Novembru 2009 (ĠU 2009, L 337, p. 11, rettifika fil-ĠU 2013, L 241, p. 10) (iktar 'il quddiem id-"Direttiva dwar il-privatezza u l-komunikazzjoni elettronika"), moqrija fid-dawl tal-Artikoli 7, 8 u 11 kif ukoll tal-Artikolu 52(1) tal-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-Unjoni Ewropea.

Fil-fatt, id-Direttiva dwar il-privatezza u l-komunikazzjoni elettronika mhux biss tillimita l-aċċess għal tali data permezz ta' garanziji intiżi sabiex jipprevjenu l-abbużi, iżda tistabbilixxi wkoll, b'mod partikolari, il-**prinċipju ta' projbizzjoni tal-ħażna** tad-data dwar it-traffiku u dwar il-lokalizzazzjoni. Iż-żamma ta' din id-data tikkostitwixxi għalhekk, minn naħa, deroga minn din il-projbizzjoni ta' ħażna u, min-naħa l-oħra, indħil fid-drittijiet fundamentali għar-rispett tal-ħajja privata u għall-protezzjoni tad-data personali, sanċiti bl-Artikoli 7 u 8 tal-Karta tad-Drittijiet Fundamentali.

Għalkemm id-Direttiva dwar il-privatezza u l-komunikazzjoni elettronika tippermetti lill-Istati Membri jillimitaw dawn id-drittijiet u dawn l-obbligi għall-finijiet b'mod partikolari tal-ġlieda kontra r-reati kriminali, tali limitazzjonijiet għandhom madankollu josservaw il-prinċipju ta' proporzjonalità. Dan il-prinċipju jeħtieġ l-osservanza mhux biss tar-rekwiżiti ta' adegwatezza u ta' bżonn, iżda wkoll ta' dak relatat man-**natura proporzjonata** ta' dawn il-miżuri meta mqabbla mal-għan intiż. Għalhekk, il-Qorti tal-Ġustizzja diġà ddeċidiet li l-għan tal-ġlieda kontra l-kriminalità serja, minkejja li huwa fundamentali, ma jistax, waħdu, jiġġustifika li miżura ta' żamma ġġeneralizzata u indifferenzjata tad-data dwar it-traffiku u tad-data ta' lokalizzazzjoni, bħal dik stabbilita mid-Direttiva 2006/24, tiġi kkunsidrata bħala neċessarja. Fl-istess ordni ta' ideat, anki l-obbligi pożittivi tal-Istati Membri dwar l-introduzzjoni ta' regoli li jippermettu ġlieda effettiva kontra r-reati kriminali, ma jistax ikollhom l-effett li jiġġustifikaw indħil serju daqs dak li jirriżulta minn leġiżlazzjoni nazzjonali li tipprevedi tali żamma fid-drittijiet fundamentali ta' kważi l-popolazzjoni kollha, mingħajr ma jkun hemm rabta, mill-inqas b'mod indirett, bejn id-data tal-persuni kkonċernati u l-għan li għandu jintlaħaq.

Il-Qorti tal-Ġustizzja tfakkar ukoll li diversi obbligi pożittivi huma r-responsabbiltà tal-awtoritajiet pubbliċi abbażi tal-Karta tad-Drittijiet Fundamentali, li jikkonsistu pereżempju fl-adozzjoni ta' miżuri ġuridiċi intiżi għall-protezzjoni tal-ħajja privata u tal-familja, il-protezzjoni tad-domiċilju u tal-komunikazzjonijiet, iżda wkoll il-protezzjoni tal-integrità fiżika u mentali tal-persuni kif ukoll il-projbizzjoni tat-tortura u tat-trattament inumani u degradanti. Huma għandhom għalhekk **jikkonċiljaw diversi interessi leġittimi u d-drittijiet inkwistjoni**. Fil-fatt, għan ta' interess ġenerali ma jistax jintlaħaq mingħajr ma jittieħed inkunsiderazzjoni l-fatt li huwa għandu jkun ikkonċiljat mad-drittijiet fundamentali kkonċernati mill-miżura, u dan billi **jinstab bilanċ** bejn, minn naħa, dan l-għan ta' interess ġenerali u, min-naħa l-oħra, id-drittijiet inkwistjoni, billi jiġi vverifikat li l-importanza tal-imsemmi għan tkun f'relazzjoni mal-gravità tal-indħil li tinvolvi din il-miżura.

Dawn il-kunsiderazzjonijiet iwasslu lill-Qorti tal-Ġustizzja sabiex tiċħad b'mod partikolari l-argument li l-kriminalità partikolarment serja tista' tiġi assimilata ma' theddida għas-sigurtà nazzjonali u li tkun reali u attwali jew prevedibbli u tista', għal żmien limitat, tiġġustifika miżura ta' żamma ġġeneralizzata u indifferenzjata tad-data dwar it-traffiku u d-data dwar il-lokalizzazzjoni. Fil-fatt, tali theddida hija differenti, min-natura, il-gravità u n-natura speċifika tagħha, miċ-ċirkustanzi li jikkostitwixxuha, mir-riskju ġenerali u permanenti li huwa dak ta' tensjoni jew inkwiet, anki serju, għas-sigurtà pubblika jew dak ta' reati kriminali serji.

Għall-kuntrarju, il-Qorti tal-Ġustizzja ddeċidiet, fit-tieni lok u filwaqt li kkonfermat il-ġurisprudenza preċedenti tagħha, li d-dritt tal-Unjoni ma jipprekludix miżuri leġiżlattivi li jipprevedu, fil-kundizzjonijiet stabbiliti fis-sentenza tagħha, għall-finijiet tal-ġlieda kontra l-kriminalità serja u l-prevenzjoni ta' theddid serju kontra s-sigurtà pubblika:

- **żamma mmirata ta' data dwar it-traffiku u ta' data dwar il-lokalizzazzjoni** skont il-kategoriji ta' persuni kkonċernati jew permezz ta' kriterju ġeografiku;

- **żamma ġġeneralizzata u indifferenzjata tal-indirizzi IP assenjati lis-sors ta' konnessjoni**;

- **żamma ġġeneralizzata u indifferenzjata ta' data relatata mal-identità ċivili tal-utenti ta' mezzi ta' komunikazzjonijiet elettroniċi**, u

- **żamma** rapida ("quick freeze") ta' data dwar it-traffiku u ta' data dwar il-lokalizzazzjoni li għandhom dawn il-fornituri ta' servizzi.

Il-Qorti tal-Ġustizzja tagħmel diversi preċiżazzjonijiet fir-rigward ta' dawn il-kategoriji differenti ta' miżuri.

Qabel xejn, l-awtoritajiet nazzjonali kompetenti jistgħu jieħdu miżura ta' żamma mmirata bbażata fuq kriterju ġeografiku, bħalma hija b'mod partikolari r-rata medja ta' kriminalità f'żona ġeografika partikolari, mingħajr ma jkollhom neċessarjament indizji konkreti dwar il-preparazzjoni jew it-twettieq, fiż-żoni kkonċernati ta' atti ta' kriminalità serja. Hija żżid li tali miżura ta' żamma mmirata lejn postijiet jew infrastrutturi ffrekwentati regolarment minn numru għoli ħafna ta' persuni jew postijiet strateġiċi, bħal ajruporti, stazzjonijiet tal-ferrovija, portijiet marittimi jew żoni ta' pedaġġi, tippermetti lill-awtoritajiet kompetenti jiġbru informazzjoni dwar il-preżenza, f'dawn il-postijiet jew żoni ġeografiċi, ta' persuni u li jużaw mezz ta' komunikazzjoni elettronika u li minnhom jisiltu konklużjonijiet dwar il-preżenza u l-attività tagħhom fl-imsemmija postijiet jew żoni ġeografiċi għall-finijiet tal-ġlieda kontra l-kriminalità serja.

Sussegwentement, il-Qorti tal-Ġustizzja tindika li la d-Direttiva dwar il-privatezza u l-komunikazzjoni elettronika u lanqas ebda att ieħor tad-dritt tal-Unjoni ma jipprekludu leġiżlazzjoni nazzjonali, li għandha bħala suġġett il-ġlieda kontra l-kriminalità serja, li skontha l-akkwist ta' mezz ta' komunikazzjoni elettronika, bħal kard SIM imħallsa minn qabel, huwa suġġett għall-verifika ta' dokumenti uffiċjali li jistabbilixxu l-identità ċivili tax-xerrej u għar-reġistrazzjoni, mill-bejjiegħ, tal-informazzjoni li tirriżulta minn dan, peress li l-bejjiegħ huwa, skont il-każ, obbligat jagħti aċċess għal din l-informazzjoni lill-awtoritajiet nazzjonali kompetenti.

Fl-aħħar nett, il-Qorti tal-Ġustizzja tikkonstata li d-Direttiva dwar il-privatezza u l-komunikazzjoni elettronika ma tipprekludix li l-awtoritajiet nazzjonali kompetenti jordnaw miżura ta' żamma rapida mill-ewwel stadju tal-investigazzjoni dwar theddida serja għas-sigurtà pubblika jew dwar eventwali att ta' kriminalità serja, jiġifieri mill-mument li fih dawn l-awtoritajiet jistgħu, skont id-dispożizzjonijiet rilevanti tad-dritt nazzjonali, jiftħu tali investigazzjoni. Tali miżura tista' tiġi estiża għad-data dwar it-traffiku u għad-data dwar il-lokalizzazzjoni ta' persuni oħra differenti minn dawk li huma ssuspettati li ppjanaw jew wettqu reat kriminali serju jew attentat kontra s-sigurtà nazzjonali, sakemm dik id-data tista', abbażi ta' elementi oġġettivi u nondiskriminatorji, tikkontribwixxi sabiex jintefa' dawl fuq tali reat jew fuq tali attentat kontra s-sigurtà nazzjonali, bħad-data li tirrigwarda l-vittma jew dik taċ-ċirku soċjali jew professjonali tagħha.

Dawn id-diversi miżuri jistgħu, skont l-għażla tal-leġiżlatur nazzjonali u filwaqt li josservaw il-limiti ta' dak li huwa strettament neċessarju, japplikaw b'mod konġunt.

Il-Qorti tal-Ġustizzja tiċħad ukoll l-argument li l-awtoritajiet nazzjonali kompetenti għandhom ikunu jistgħu jaċċedu, għall-finijiet tal-ġlieda kontra l-kriminalità serja, għad-data relatata mat-traffiku u mad-data ta' lokalizzazzjoni li nżammet b'mod iġġeneralizzat u indifferenzjat, b'konformità mal-ġurisprudenza tagħha, sabiex tikkonfronta theddida serja għas-sigurtà nazzjonali li tkun reali u attwali jew prevedibbli. Fil-fatt, dan l-argument jagħmel dan l-aċċess dipendenti minn ċirkustanzi estranji għall-għan tal-ġlieda kontra l-kriminalità serja. Barra minn hekk, skont l-imsemmi argument, l-aċċess jista' jkun iġġustifikat minn għan ta' importanza iżgħar minn dak li ġġustifika ż-żamma, jiġifieri s-salvagwardja tas-sigurtà nazzjonali, li jmur kontra l-ġerarkija tal-għanijiet ta' interess ġenerali li fil-kuntest tagħhom għandha tiġi evalwata l-proporzjonalità ta' miżura ta' żamma. Barra minn hekk, l-awtorizzazzjoni ta' tali aċċess twassal għar-riskju li jitneħħa kull effett utli tal-projbizzjoni li ssir żamma ġġeneralizzata u indifferenzjata għall-finijiet tal-ġlieda kontra l-kriminalità serja.

Fit-tielet lok, il-Qorti tal-Ġustizzja tikkonferma li d-dritt tal-Unjoni jipprekludi leġiżlazzjoni nazzjonali li abbażi tagħha l-ipproċessar iċċentralizzat ta' talbiet għal aċċess għal data miżmuma mill-fornituri ta' servizzi ta' komunikazzjonijiet elettroniċi, li toriġina mill-pulizija fil-kuntest ta' investigazzjoni u ta' prosekuzzjoni ta' reati kriminali serji, għandu jsir minn uffiċjal tal-pulizija, anki meta dan ikun assistit minn unità stabbilita fi ħdan il-pulizija li tgawdi minn ċertu grad ta' awtonomija fl-eżerċizzju tal-missjoni tagħha u li d-deċiżjonijiet tagħha jistgħu jkunu ulterjorment is-suġġett ta' stħarriġ ġudizzjarju. Il-Qorti tal-Ġustizzja tikkonferma fil-fatt, f'dan ir-rigward, il-ġurisprudenza tagħha skont liema, sabiex tiġi ggarantita, fil-prattika, l-osservanza sħiħa tal-kundizzjonijiet stretti ta' aċċess għal data personali bħad-data dwar it-traffiku u dwar il-lokalizzazzjoni, l-aċċess tal-awtoritajiet nazzjonali

kompetenti għad-data miżmuma għandu jiġi suġġett għal kontroll minn qabel imwettaq jew minn qorti jew minn entità amministrattiva indipendenti, u li d-deċiżjoni ta' din il-qorti jew ta' din l-entità tingħata fuq talba motivata minn dawn l-awtoritajiet imressqa, b'mod partikolari, fil-kuntest ta' proċeduri ta' prevenzjoni, ta' skoperta jew ta' prosekuzzjoni kriminali. Issa, uffiċjal tal-pulizija ma huwiex qorti u ma għandux il-garanziji ta' indipendenza u ta' imparzjalità meħtieġa sabiex ikun jista' jikkwalifika bħala entità amministrattiva indipendenti.

Fir-raba' u l-aħħar lok, il-Qorti tal-Ġustizzja tikkonferma l-ġurisprudenza tagħha li d-dritt tal-Unjoni jipprekludi qorti nazzjonali milli tillimita *ratione temporis* l-effetti ta' dikjarazzjoni ta' invalidità li hija għandha, skont id-dritt nazzjonali, fir-rigward ta' leġiżlazzjoni nazzjonali li timponi fuq il-fornituri ta' servizzi ta' komunikazzjonijiet elettroniċi żamma ġġeneralizzata u indifferenzjata tad-data dwar it-traffiku u tad-data dwar il-lokalizzazzjoni, minħabba l-inkompatibbiltà ta' din il-leġiżlazzjoni mad-Direttiva dwar il-privatezza u l-komunikazzjoni elettronika.

**Għaldaqstant, il-Qorti tal-Ġustizzja tfakkar li l-ammissibbiltà tal-provi miksuba permezz ta' tali żamma taqa', skont il-prinċipju ta' awtonomija proċedurali tal-Istati Membri, taħt id-dritt nazzjonali, bla ħsara għall-osservanza, b'mod partikolari, tal-prinċipji ta' ekwivalenza u ta' effettività.**

---

**NOTA:** Ir-rinviju għal deċiżjoni preliminari jippermetti, lill-qrati tal-Istati Membri fil-kuntest ta' kawża mressqa quddiemhom, li jitolbu lill-Qorti tal-Ġustizzja interpretazzjoni tad-dritt tal-Unjoni jew li tiddeċiedi dwar il-validità ta' att tal-Unjoni. Il-Qorti tal-Ġustizzja ma taqtax il-kawża nazzjonali. Hija l-qorti nazzjonali li għandha ssib soluzzjoni għall-kawża skont id-deċiżjoni tal-Qorti tal-Ġustizzja. Din id-deċiżjoni torbot, bl-istess mod, lill-qrati nazzjonali l-oħra li quddiemhom titressaq problema simili.

---

*Dokument mhux uffiċjali għall-użu tal-mezzi tal-komunikazzjoni li ma jorbotx lill-Qorti tal-Ġustizzja.*

*It-test sħiħ tas-sentenza jinsab fis-sit CURIA mill-jum li fih tingħata s-sentenza.*

*Kuntatt għall-istampa: Jacques René Zammit ☎ (+352) 4303 3355*

*Ritratti tal-għoti tas-sentenza huma disponibbli fuq "Europe by Satellite" ☎ (+32) 2 2964106*